ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 166

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

20 ta' Lulju 2007

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet, Orjentazzjonijiet u Opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Kunsill**

2007/C 166/01 Riżoluzzjoni tal-Kunsill — 31 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrateġija tal-Politika tal-Konsumatur ta' l-UE (2007-2013) .......... 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2007/C 166/02 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] .......... 4

2007/C 166/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4708 — Gerresheimer/Chase/JV) [1] 6

2007/C 166/04 Status fir-rigward ta' l-adeżjoni tal-KE għar-Regolamenti UN/ECE fil-qasam ta' l-approvazzjoni tal-vetturi mill-31 ta' Diċembru 2006 .......... 7

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MILL-ISTITUZZJONIJIET U L-ORGANI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2007/C 166/05 Rata tal-kambju ta' l-euro .......... 11

MT



[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2007/C 166/06 Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju (1) ..... 12

2007/C 166/07 Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat għax-xogħol, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1976/2006 (1) ..... 16

INFORMAZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI

2007/C 166/08 Ittra mid-dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti dwar SWIFT/programm għat-traċċar tal-finanzjament tat-terroriżmu ..... 17

2007/C 166/09 Proċessar ta' Data Personali li toriġina mill-UE min-naħa tad-Dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti għal finijiet Kontra t-Terroriżmu — "SWIFT" ..... 18

2007/C 166/10 Tweġiba mill-Unjoni Ewropea lid-dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti — SWIFT/programm għat-traċċar tal- finanzjament tat-terroriżmu ..... 26

2007/C 166/11 Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża fl-okkażjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Presidenza tiffirma l-abbozz ta' tweġiba għall-ittra tas-Segretarju Amerikan għat-Trezor rigward l-aċċess għad-data ta' SWIFT ..... 27

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2007/C 166/12 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4751 — STM/Intel/JV) (1) ..... 28

2007/C 166/13 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4822 — Advent/Takko) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata (1) ..... 29

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet, Orjentazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# KUNSILL

## RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

**31 ta' Mejju 2007**

**dwar l-Istrateġija tal-Politika tal-Konsumatur ta' l-UE (2007-2013)**

(2007/C 166/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

IFAKKAR li skond l-Artikolu 153 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea:

a. il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa, is-sigurtà u l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għal informazzjoni, edukazzjoni u li jorganizzaw irwieħhom sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tagħhom,

b. Fid-definizzjoni u l-implementazzjoni ta' linji politiċi u attivitajiet oħra tal-Komunità għandu jittieħed kont tal-ħtiġiet tal-protezzjoni tal-konsumatur.

JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-politika tal-konsumatur fit-tfassil tas-suq intern u s-sinerġija tagħha ma' linji politiċi tas-suq intern. Il-kunfidenza tal-konsumatur u tal-kummerċ huma prerekwiżiti għal funzjonament tajjeb tas-suq intern li jipprovdi spinta għall-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku. Konsumaturi informati u b'aktar responsabbiltà li għandhom drittijiet effettivi u fiduċja fihom jikkostitwixxu forza qawwija għas-suċċess ekonomiku u l-bidla.

JIRRIKONOXXI l-potenzjal tas-suq intern bl-imnut, li fil-biċċa l-kbira għadu frammentat tul il-linji nazzjonali, biex il-konsumaturi u n-negozji jingħataw benefiċċji permezz tat-tneħħija ta' ostakoli u b'hekk jiżdiedu l-opportunitajiet għall-konsumaturi u l-bejjiegħa bl-imnut.

JIRRIKONOXXI l-opportunitajiet ipprovduti permezz ta' teknoloġiji ġodda, speċjalment fl-ambjent diġitali, u l-innovazzjoni biex jirrispondu għall-għażla tal-konsumatur u jżidu aċċess għal swieq ġodda kif ukoll l-isfidi biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-konsumatur huma adegwati, ċari, trasparenti u garantiti, u li l-mekkaniżmi għall-konsum sostenibbli u l-intendiment ta' l-imġiba tal-konsumatur huma żviluppati aktar.

JISSOTTOLINJA, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' sussidjarjetà stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-importanza tal-liġi Komunitarja biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-ħtieġa għal mekkaniżmi effettivi fl-infurzar tal-liġi, ukoll fir-rigward ta' transazzjonijiet transkonfini tal-konsumatur.

JAQBEL li l-interessi tal-konsumatur għandhom jiġu inkorporati fl-oqsma kollha tal-politika Ewropea. Din hija prekondizzjoni għal politika effettiva tal-konsumatur u bażi tajba għall-ksib ta' l-objettivi ta' Lisbona. It-tħassib dwar l-interessi ekonomiċi tal-konsumatur u l-informazzjoni għall-konsumatur, b'mod partikolari, huwa relatat ma' ħafna linji politiċi speċjalizzati. L-inklużjoni ta' l-interessi tal-konsumatur f'linji politiċi oħrajn, inkluż għal servizzi ta' interess ġenerali, jirrappreżenta kompitu konġunt li għandu jitwettaq mill-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE u l-Istati Membri.

I. JILQA' l-iżvilupp ta' l-Istrateġija dwar il-Politika tal-Konsumatur tal-Kummissjoni għas-snin 2007 — 2013 ([1]) fil-livell ta' l-UE li tiffoka fuq il-massimizzazzjoni ta' l-għażla u l-kunfidenza tal-konsumatur billi tirresponsabbilizza kif ukoll tipproteġi lill-konsumaturi, tippromwovi l-impjiegi u t-tkabbir u testendi s-swieq kompetittivi u timmira li tikseb suq bl-imnut intern aktar integrat u aktar effettiv.

([1]) Dok. 7503/07.

II. JAGĦMEL SEJĦA LILL-KUMMISSJONI biex timplimenta din l-istrateġija bit-tliet objettivi ewlenin tagħha u, filwaqt li tagħmel dan, speċjalment

1. biex tkompli l-politika tal-konsumatur immirata għal trasparenza fis-suq u t-tisħiħ tal-kapaċità tas-suq intern biex jiġu sodisfatti l-aspettativi tal-konsumatur. Politika tal-konsumatur li tisħaq għal swieq effiċjenti tagħti kontribut għat-tkabbir u l-impjiegi u ssaħħaħ il-ġid tal-konsumatur,

2. biex tagħti prijorità lil livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, għażla u aċċess fil-Komunità u b'hekk tiżgura l-fiduċja tal-konsumatur f'xiri transkonfini jew kuntratti, u biex tagħti atttenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' politika tal-konsumatur u l-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward ta' servizzi,

3. biex tiżgura konsistenza fl-objettivi operattivi lejn dawk li huma sottostanti għad-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxu programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) ([1]),

4. biex tippromwovi u tissalvagwardja l-interessi tal-konsumatur f'dinja dejjem aktar globalizzata u biex tippromwovihom fil-kuntest ta' relazzjonijiet internazzjonali u permezz ta' ftehim internazzjonali,

5. biex tirrevedi l-acquis Komunitarju rigward il-protezzjoni tal-konsumatur bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni, modernizzazzjoni, regolamentazzjoni aħjar, tneħħija ta' inkonsistenzi eżistenti u rispett għall-ħtiġiet ta' teknoloġiji ġodda, b'rigward xieraq għall-prinċipju ta' sussidjarjetà stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea; u li tressaq, fejn xieraq u b'kont dovut tar-riżultat tal-konsultazzjonijiet dwar il-Green Paper dwar ir-reviżjoni ta' l-acquis tal-konsumatur, proposti għal adattament rilevanti ta' l-acquis sakemm id-drittijiet u l-obbligi kkonċernati jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u titjib tal-funzjonament tas-suq intern,

6. biex tirrevedi fejn mekkaniżmi awto-regolatorji u ta' ko-regolamentazzjoni jistgħu jikkomplementaw dispożizzjonijiet leġislattivi eżistenti,

7. biex tappoġġja r-riċerka komprensiva orjentata lejn il-konsumatur, il-valutazzjoni ta' funzjonament tas-suq, l-aspettativi tal-konsumatur u l-imġiba tal-konsumatur, biex tistabbilixxi gwida u l-evalwazzjoni ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ ta' politika tal-konsumatur orjentati lejn il-konsumatur u biex tiżviluppa indikaturi xierqa abbażi ta' kompetenza rilevanti,

8. biex tappoġġa kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet għall-infurzar ta' liġijiet tal-konsumatur u l-leġislazzjoni li tirregola s-sigurtà ta' prodotti, biex tippromwovi l-attivitajiet ta' netwerk tagħhom, biex tiżviluppa aktar sistemi ta' informazzjoni u biex testendi ftehim internazzjonali dwar kooperazzjoni amminsitrattiva reċiproka bejn l-UE u pajjiżi terzi,

9. biex tissorvelja kontinwament l-effiċjenza ta' rakkomandazzjonijiet eżistenti li fihom garanziji speċifiċi minimi għal proċeduri alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim u biex taħdem lejn applikazzjoni aktar wiesgħa u t-tisħiħ tal-prinċipji rregolati hemmehekk kif ukoll biex tiżgura interkonnessjoni bejn proċeduri alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim eżistenti u biex tikkomunika aħjar dwar għodod ta' informazzjoni eżistenti,

10. biex tikkonsidra b'attenzjoni mekkaniżmi kollettivi ta' rimedju u biex tressaq ir-riżultati ta' l-istudji kontinwi rilevanti, fid-dawl ta' kwalunkwe proposta jew azzjoni possibbli,

11. biex tagħti attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-konsumatur meħtieġa, l-għażla u l-konvenjenza fl-ikkompletar tas-suq intern f'servizzi finanzjarji fid-dawl ta' l-importanza vitali ta' deċiżjonijiet dwar prodotti finanzjarji għal konsumaturi, eż. fir-rigward ta' dispożizzjonijiet għax-xjuhija jew finanzjament tal-proprjetà immobbli,

12. biex tagħti aktar importanza lil valutazzjonijiet elaborati ta' impatt tul il-linji politiċi kollha li jaffettwaw l-interessi tal-konsumaturi fuq perijodu fit-tul,

13. biex tinvolvi aktar lill-partijiet rilevanti interessati fil-politika tal-konsumatur f'konsultazzjonijiet organizzati fi ħdan il-qafas ta' linji politiċi Komunitarji oħrajn dwar proposti b'effett kbir fuq il-konsumaturi.

III. ISEJJAĦ LILL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI,

14. biex ikomplu jiddefendu koordinazzjoni aħjar mat-tħassib u l-prijoritajiet ta' l-oqsma individwali politiċi u biex jgħaqqdu aktar il-linji politiċi tal-konsumatur ma' linji politiċi speċjalizzati oħrajn, notevolment ma' linji politiċi ekonomiċi, tat-trasport, ambjentali, ta' l-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet,

15. biex jaħdmu lejn protezzjoni u edukazzjoni tal-konsumatur effettivi fl-Istati Membri kollha u b'hekk jiżguraw konsumaturi attivi u responsabbilizzati bl-istess mod fis-suq intern sħiħ, inkluż l-edukazzjoni dwar il-konsum sostenibbli,

16. biex jiżguraw aktar sistemi għal infurzar tal-liġi fl-Istati Membri u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam ta' protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li titkattar il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur,

17. biex ikomplu jipproteġu l-interessi tal-konsumatur fir-rigward ta' servizzi ta' interess ġenerali u biex isaħħu b'mod adegwat il-konsumaturi fid-drittijiet tagħhom,

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39.

18. biex jieħdu kont ta' l-interessi tal-konsumatur fl-istandardizzazzjoni u l-iskemi ta' tikkettar fil-livelli Ewropej kif ukoll dawk nazzjonali u biex jaħdmu lejn il-ħarsien ta' interessi tal-konsumatur fil-livell internazzjonali,

19. biex jirrikonoxxu l-importanza qawwija ta' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur sabiex ikunu jistgħu jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumatur b'mod indipendenti fil-livell Komunitarju u fl-Istati Membri,

20. biex jipprovdu appoġġ kontinwu lin-Network Ewropew taċ-Ċentri tal-Konsumatur (ECC-Net) u biex jiżguraw punti ta' kuntatt fl-Istati Membri kollha sabiex jassistu l-konsumaturi fir-riżoluzzjoni effettiva ta' tilwim transkonfini.

IV. ISEJJAĦ LILL-ISTATI MEMBRI biex jiżguraw li l-objettivi tal-Politika ta' Strateġija tal-Konsumatur jitqiesu fil-linji politiċi nazzjonali tagħhom.

V. ISEJJAĦ lill-Kummissjoni biex:

a. tikkonsulta regolarment ma' l-Istati Membri sabiex tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija u, jekk meħtieġ, biex isiru modifiki jew aġġustamenti fit-tieni stadju u

b. tirrapporta dwar il-progress miksub fil-politika tal-konsumatur u, barra minn hekk, biex tippreżenta rapport ta' nofs it-term dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Politika tal-Konsumatur u rapport ta' evalwazzjoni ex post sa Diċembru 2015.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

**Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 166/02)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 27.6.2007 |
| Għajnuna Nru | N 252/07 |
| Stat Membru | Id-Danimarka |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Forebyggelsesfonden |
| Il-bażi legali | Lov nr. 87 af 30. januar 2007 om Forebyggelsesfonden |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Is-Saħħa Pubblika |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-Estimi | Baġit globali: 3 000 miljun DKK |
| L-intensità | Sa 100 % |
| It-tul ta' żmien | 15.9.2007-1.2.2017 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Sekretariatet for Forebyggelsesfonden<br>Landskronagade 22<br>DK-2100 København Ø |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 8.6.2007 |
| Għajnuna Nru | N 258/07 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Land Hessen |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Rettungsbeihilfe zugunsten der Erich Rohde KG |
| Il-bażi legali | Gesetz über die Feststellung des Haushaltsplans des Landes Hessen für das Haushaltsjahr 2007, Richtlinien für die Übernahme von Bürgschaften und Garantien durch das Land Hessen für gewerbliche Wirtschaft |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Is-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Garanzija |
| L-Estimi | Baġit annwali: 2,25 miljun EUR; Baġit globali: 2,25 miljun EUR |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 6 xhur |
| Setturi ekonomiċi | L-industrija tal-manifattura |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Hessisches Ministerium für Wirtschaft, Verkehr und Landeswicklung<br>Kaiser-Friedrich-Ring 75<br>D-65185 Wiesbaden |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.4708 — Gerresheimer/Chase/JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 166/03)

Fid-29 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab fuq Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.

— F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4708. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (http://eur-lex.europa.eu)

## Status fir-rigward ta' l-adeżjoni tal-KE għar-Regolamenti UN/ECE fil-qasam ta' l-approvazzjoni tal-vetturi mill-31 ta' Diċembru 2006

(2007/C 166/04)

Il-Kummissjoni hawnhekk tippubblika tabella li tagħti fil-qosor l-istat tar-Regolamenti UN/ECE kif emendati l-aħħar (annessi mal-Ftehim ta' l-1958 dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u parts li jistgħu jiġu installati u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku ta' l-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet) li għalihom issieħbet il-Komunitajiet Ewropej fil-31 ta' Diċembru 2006, anki jekk xi wħud mill-emendi se jidħlu fis-seħħ wara din id-data.

| Numru tar-Regolament | Emendi fil-waqt ta' l-adeżjoni | Serje ta' emendi (1) (2) | Supplementi għas-serje (2) | Titolu qasir tar-Regolament |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 01 | 02 | - | Fanali ta' quddiem asimetriċi (R2 u/jew HS1) |
| 3 | 02 | 02 | 10 | Tagħmir li jirrifletti lura |
| 4 | 00 | 00 | 12 | Bozza tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara |
| 5 | 02 | 02 | 6 | Fanali ta' quddiem asimetriċi (Raġġ Issiġillat) |
| 6 | 01 | 01 | 15 | Indikejters direzzjonali |
| 7 | 02 | 02 | 12 | Bozoz tat-tarf- li juru l-kontorn tal-karozza, ta' quddiem/wara, tal-ġnub, tal-brejk (M, N u O) |
| 8 | 04 | 05 | - | Fanali ta' quddiem (H1, H2, H3, HB3, HB4, H7, H8, H9, HIR1, HIR2 u/jew H11) |
| 10 | 02 | 02 | 2 | Kompatibbiltà elettro-manjetika |
| 11 | 02 | 03 | - | Sokkri u ċappetti tal-bibien |
| 12 | 03 | 03 | 3 | Imġiba tat-tagħmir ta' l-istering fil-każ ta' ħabta |
| 13 | 09 | 10 | 3 | Ibbrejkjar (kategoriji M, N u O) |
| 13H | 00 | 00 | 4 | Ibbrejkjar (karozzi tal-passiġġieri) |
| 14 | 04 | 06 | 3 | Ankraġġi taċ-ċinturini ta' sikurezza |
| 16 | 04 | 04 | 18 | Ċinturini tas-sikurezza |
| 17 | 06 | 07 | 3 | Saħħa tas-sits |
| 18 | 02 | 03 | - | Tagħmir kontra s-serq |
| 19 | 02 | 02 | 12 | Fanali ta' quddiem kontra ċ-ċpar |
| 20 | 02 | 03 | - | Fanali ta' quddiem asimetriċi (H4) |
| 21 | 01 | 01 | 3 | Fittings tal-kabina |
| 22 | 04 | 05 | 1 | Elmi protettivi u viżieri għall-motoċiklisti |
| 23 | 00 | 00 | 13 | Bozoz tar-rivers |
| 24 | 03 | 03 | 3 | Duħħan tad-diżil u qawwa tad-diżil |

| Numru tar-Regolament | Emendi fil-waqt ta' l-adeżjoni | Serje ta' emendi (1) (2) | Supplementi għas-serje (2) | Titolu qasir tar-Regolament |
|---|---|---|---|---|
| 25 | 04 | 04 | - | Trażżin għar-ras |
| 26 | 02 | 03 | 1 | Partijiet esterni li jisporġu 'l barra |
| 27 | 03 | 03 | 1 | Trijangoli għat-twissija bil-quddiem |
| 28 | 00 | 00 | 3 | Tagħmir għat-twissija bil-ħoss |
| 30 | 02 | 02 | 14 | Tajers (vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom) |
| 31 | 02 | 02 | 6 | Fanali ta' quddiem asimetriċi (raġġ issiġillat ta' l-aloġenu) |
| 34 | 01 | 02 | 2 | Riskji ta' nar |
| 37 | 03 | 03 | 28 | Bozoz tal-filament |
| 38 | 00 | 00 | 12 | Bozoz kontra ċ-ċpar għal wara |
| 39 | 00 | 00 | 5 | Speedometer |
| 43 | 00 | 00 | 9 | Ħġieġ tas-sikurezza |
| 44 | 03 | 04 | 3 | Sistema ta' trażżin għat-tfal |
| 45 | 01 | 01 | 5 | Tagħmir għat-tindif tal-fanali ta' quddiem |
| 46 | 01 | 02 | - | Mirja għall-viżjoni lura |
| 48 | 01 | 03 | 3 | Installazzjoni ta' tagħmir għad-dawl u għas-sinjalar bid-dawl (M, N u O) |
| 49 | 02 | 04 | 2 | Emissjonijiet (diżil, NG & LPG) |
| 50 | 00 | 00 | 10 | Bozoz ta' quddiem/wara, tal-brejk, indikejters direzzjonali, bozoz għall-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara (L) |
| 51 | 02 | 02 | 5 | Livelli ta' ħoss (M u N) |
| 53 | 00 | 01 | 7 | Installazzjoni ta' tagħmir għad-dawl u għas-sinjalar bid-dawl (L3) |
| 54 | 00 | 00 | 16 | Tajers (vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom) |
| 55 | 00 | 00 | | Akkoppjaturi mekkaniċi |
| 56 | 00 | 01 | - | Fanali ta' quddiem (mopeds) |
| 57 | 01 | 02 | - | Fanali ta' quddiem (muturi) |
| 58 | 01 | 01 | - | Tagħmir protettiv kontra t-trikkib minn wara |
| 59 | 00 | 00 | 3 | Sistemi tas-sajlencers ta' sostituzzjoni |
| 60 | 00 | 00 | 3 | Kontrolli mħaddma mis-sewwieq — identifikazzjoni tal-kontrolli — twissijiet u indikaturi (moped/muturi) |
| 62 | 00 | 00 | 2 | Tagħmir kontra s-serq (moped/muturi) |
| 64 | 00 | 00 | 2 | Tajers (roti/tajers *spare* għall-użu temporanju) |

| Numru tar-Regolament | Emendi fil-waqt ta' l-adeżjoni | Serje ta' emendi (1) (2) | Supplementi għas-serje (2) | Titolu qasir tar-Regolament |
|---|---|---|---|---|
| 66 | 00 | 01 | - | Saħħa tas-sovrastruttura (xarabanks) |
| 67 | 01 | 01 | 7 | Tagħmir LPG |
| 69 | 01 | 01 | 3 | Pjanċi indikattivi ta' wara għal vetturi li jimxu bil-mod |
| 70 | 01 | 01 | 5 | Pjanċi indikattivi ta' wara għal vetturi tqal u twal |
| 71 | 00 | 00 | - | Kamp viżiv, trakters agrikoli |
| 72 | 00 | 01 | - | Fanali ta' quddiem (HS1) (muturi) |
| 73 | 00 | 00 | - | Protezzjoni laterali (vetturi tal-ġarr u t-trejlers tagħhom) |
| 74 | 00 | 01 | 4 | Installazzjoni ta' dwal u ta' tagħmir għas-sinjalar bid-dwal (L1) |
| 75 | 00 | 00 | 11 | Tajers (muturi/mopeds) |
| 77 | 00 | 00 | 10 | Bozoz tal-parking |
| 78 | 02 | 03 | - | Ibbrejkjar (kategorija L) |
| 79 | 01 | 01 | 3 | Tagħmir għall-istering |
| 80 | 01 | 01 | 3 | Saħħa tas-sits u l-ankraġġi tagħhom (vetturi kbar għall-passiġġieri) |
| 81 | 00 | 00 | 2 | Mirja għall-viżjoni fuq wara (muturi/mopeds) |
| 82 | 00 | 01 | - | Fanali ta' quddiem (HS2 moped) |
| 83 | 03 | 05 | 6 | Emissjonijiet |
| 85 | 00 | 00 | 4 | Qawwa — kombustjoni interna u elettrika (M u N) |
| 86 | 00 | 00 | 3 | Installazzjoni ta' dwal u ta' tagħmir għas-sinjalar bid-dwal (trakters agrikoli) |
| 87 | 00 | 00 | 10 | Bozoz għaddiena għal binhar |
| 89 | 00 | 00 | 1 | Tagħmir għal-limitazzjoni tal-veloċità |
| 90 | 01 | 01 | 8 | *Linings* ta' sostituzzjoni għall-brejkijiet kif ukoll l-assemblaġġi tagħhom |
| 91 | 00 | 00 | 9 | Bozoz għall-orjentazzjoni laterali |
| 93 | 00 | 00 | - | Tagħmir ta' protezzjoni kontra t-trikkib minn quddiem |
| 94 | 01 | 01 | 3 | Protezzjoni ta' l-okkupanti fil-każ ta' ħabta minn quddiem |
| 95 | 02 | 02 | 1 | Protezzjoni ta' l-okkupanti fil-każ ta' ħabta mill-ġenb |
| 96 | 00 | 01 | 2 | Emissjonijiet tad-diżil (trakters agrikoli) |
| 97 | 00 | 01 | 5 | Sistemi ta' allarm |
| 98 | 00 | 00 | 8 | Fanali ta' quddiem b'sorsi ta' dawl li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass |
| 99 | 00 | 00 | 3 | Sorsi ta' dawl li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass |

| Numru tar-Regolament | Emendi fil-waqt ta' l-adeżjoni | Serje ta' emendi (1) (2) | Supplementi għas-serje (2) | Titolu qasir tar-Regolament |
|---|---|---|---|---|
| 100 | 00 | 00 | 1 | Sikurezza ta' vetturi bl-elettriku |
| 101 | 00 | 00 | 7 | Emissjonijiet tas-CO2/konsum tal-fjuwil (M1) u konsum ta' l-enerġija elettrika u awtonomija (range) (M1 u N1) |
| 102 | 00 | 00 | - | Akkoppjaturi mqarrba |
| 103 | 00 | 00 | 2 | Konvertituri katalitiċi ta' sostituzzjoni |
| 104 | 00 | 00 | 4 | Markar li jirrifletti lura (vetturi tqal u twal) |
| 105 | 02 | 04 | - | Ġarr ta' oġġetti perikolużi — kostruzzjoni ta' vetturi |
| 106 | 00 | 00 | 4 | Tajers (vetturi agrikoli) |
| 109 | 00 | 00 | 2 | Tajers ittreddjati mill-ġdid (vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom) |
| 110 | 00 | 00 | 6 | Sistemi tal-gass naturali kkompressat |
| 111 | 00 | 00 | 1 | Stabbiltà kontra l-qlib ta' vetturi biċ-ċisterna (N u O) |
| 112 | 00 | 00 | 7 | Fanali ta' quddiem asimetriċi (bozoz tal-filament) |
| 113 | 00 | 00 | 5 | Fanali ta' quddiem simetriċi (bozoz tal-filament) |
| 114 | 00 | 00 | - | Airbags ta' sostituzzjoni |
| 115 | 00 | 00 | 2 | Sistemi ta' konverżjoni LPG-CNG |
| 116 | 00 | 00 | 1 | Użu mhux awtorizzat (sistemi kontra s-serq u ta' allarm) |
| 117 | 00 | 01 | - | Tajers — reżistenza kontra x-xaqlib |
| 118 | 00 | 00 | - | Reżistenza tal-materjali ta' ġewwa għan-nar |
| 119 | 00 | 00 | 1 | Indikejters |
| 120 | 00 | 00 | - | Qawwa — kombustjoni interna (trakters agrikoli u makkinarju mobbli) |
| 121 | 00 | 00 | - | Kontrolli manwali, twissijiet u indikaturi |
| 122 | 00 | 00 | - | Sistemi tat-tisħin |
| [123] (3) | 00 | 00 | - | Sistemi Adattivi tad-Dawl ta' Quddiem |
| [124] (3) | 00 | 00 | - | Roti (ta' Sostituzzjoni) għal vetturi tal-passiġġieri |

(1) Din il-kolonna telenka l-aħħar emendi lir-Regolament ikkonċernat li l-Komunitajiet Ewropej saru parti minnu mill-31.12.2006. Xi whud mill-aktar sensiliet reċenti ta' emendi jew supplementi għas-sensiela ta' emendi se jidħlu fis-seħħ wara din id-data. Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi għandha tiġi vverifikata fl-aħħar verżjoni tad-dokument dwar l-istatus ta' l-UN-ECE TRANS/WP.29/343/Rev.15, li hu disponibbli fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsstts.html.

(2) Il-korrezzjonijiet relevanti kollha sal-31.12.2006 ġew adottati wkoll, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

(3) Dan ir-Regolament kien għadu ma daħalx fis-seħħ fil-31.12.2006.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MILL-ISTITUZZJONIJIET U L-ORGANI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

## Id-19 ta' Lulju 2007

(2007/C 166/05)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,382 | RON | Leu Rumen | 3,1275 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 168,66 | SKK | Krona Slovakka | 33,15 |
| DKK | Krona Daniża | 7,441 | TRY | Lira Turka | 1,7525 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,67455 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5722 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,1757 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,442 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,6585 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,808 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 82,23 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7433 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,9035 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0905 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 265,84 |
| CYP | Lira Ċiprijotta | 0,5842 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,508 |
| CZK | Krona Ċeka | 28,281 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,4523 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | HRK | Kuna Kroata | 7,2876 |
| HUF | Forint Ungeriż | 245,87 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 562,38 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7506 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6969 | PHP | Peso Filippin | 61,983 |
| MTL | Lira Maltija | 0,4293 | RUB | Rouble Russu | 35,108 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,757 | THB | Baht Tajlandiż | 41,384 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 166/06)

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 143/07 | |
| Stat Membru | L-Italja | |
| Reġjun | Sardegna | |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Interventi per promuovere il riutilizzo di immobili industriali in disuso | |
| Bażi legali | Legge regionale 24 febbraio 2006, n. 1, comma 4, lettera a)<br>Direttive di attuazione approvate con decreto dell'assessore dell'Industria della Regione Sardegna n. 130 del 3.5.2006 | |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna | |
| L-Estimi | Baġit annwali: 10,5 miljun EUR; Baġit globali: — | |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament | |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.6.2006 | |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2006 | |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju | |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Manifattura, Servizzi oħra | |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Regione autonoma della Sardegna — Assessorato dell'Industria<br>viale Trento, 69<br>I-09123 Cagliari | |
| Għotja ta' għajnuna individwali ta' ammont għoli | Bi qbil ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament, il-miżura ma tapplikax għall-għotja ta' għajnuna individwali jew teħtieġ notifika minn qabel lill-Kummizzjoni, fil-każ li:<br>(a) It-total ta' l-ispejjeż eliġibbli jkun 25 miljun EUR jew aktar<br>— l-instensità ta' l-għajnuna gross tkun 50 % jew aktar<br>— fir-reġjuni li jikkwalifikaw għall-benifiċċju ta' għajnuna reġjonali, l-intensità ta' għajnuna netta tkun 50 % jew aktar; jew<br>b) It-total gross ta' l-għajnuna jkun ta' 15-il miljun EUR jew aktar | Iva |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 163/07 |
| Stat Membru | L-Awstrija |
| Reġjun | Niederösterreich NUTS II: AT 12 |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Ecoplus Richtlinien für Fördermaßnahmen im Rahmen des Programms LE/LEADER 2007-2013 in Niederösterreich |
| Bażi legali | Gesellschaftsvertrag der ecoplus. Niederösterreichs Wirtschaftsagentur GmbH |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: 3 miljun EUR; Baġit globali: — |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.6.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 30.6.2008 |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-Intrapriżi Żgħar jew Medji |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ecoplus<br>Niederösterreichs Wirtschaftsagentur GmbH<br>Lugeck 1<br>A-1010 Wien<br>Tel. (43-1) 513 78 50-0<br>Fax (43-1) 513 78 50-44<br>headoffice@ecoplus.at<br>www.ecoplus.at |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 164/07 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | Castilla y León |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Apoyo para la incorporación de las PYMEs a la Sociedad de la Información |
| Bażi legali | Resolución de 3 de mayo de 2007, del Presidente de la Agencia de Inversiones y Servicios de Castilla y León, por el que se aprueba la convocatoria, así como las disposiciones comunes y específicas que la regulan, para la concesión de determinadas subvenciones de la Agencia de Inversiones y Servicios de Castilla y León para 2007 cofinanciadas con fondos estructurales (Línea 6). (BOCL nº 91 de 11.5.2007) |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: 2 miljun EUR; Baġit globali: — |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 11.5.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2008 |

| | |
|---|---|
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-Intrapriżi Żgħar jew Medji |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Agencia de Inversiones y Servicios de Castilla y León<br>C/ Duque de la Victoria, nº 23<br>E-47001 Valladolid |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 165/07 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | Toutes les régions de France métropolitaine et les départements d'outre-mer |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Fonds de Développement des Entreprises (FDPMI) |
| Bażi legali | Règlement d'exemption (CE) nº 70/2001 prolongé par le règlement (CE) nº 1796/2006<br>Pour les collectivités territoriales: articles L. 1511-2 et L. 1511-3 du Code général des collectivités territoriales (CGCT) — Pour l'État, articles L. 2251-1, L. 3231-1, L. 4211-1 du CGCT |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: 34 miljun EUR; Baġit globali: — |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.5.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 30.6.2008 |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-Intrapriżi Żgħar jew Medji, Il-manifattura kollha, Is-servizzi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Soit le Ministère de l'industrie/DGE pour l'État, soit les collectivités territoriales, chacun en ce qui le concerne.<br>Pour le Ministère de l'industrie/DGE:<br>12, rue Villiot<br>F-5572 Paris Cedex 12 |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 172/07 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Nordrhein-Westfalen |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Programm für rationelle Energieverwendung, regenerative Energien und Energiesparen — progres.nrw<br>Förderbaustein: Forschung und Entwicklung |
| Bażi legali | 1. Verordnung (EG) Nr. 70/2001 der Kommission vom 12. Januar 2001<br>2. Änderungsverordnung (EG) Nr. 364/2004 der Kommission vom 25. Februar 2004<br>3. § 44 Landeshaushaltsordnung NRW<br>4. Empfehlung 2003/361/EG der Kommission vom 6. März 2003 betreffend die Definition der kleinen und mittleren Unternehmen |

| | |
|---|---|
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: 8 miljun EUR; Baġit globali: — |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.4.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2007 |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-Intrapriżi Żgħar jew Medji |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Bezirksregierung Arnsberg, Dezernat 85<br>Goebenstraße 25<br>D-44135 Dortmund |

**Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat għax-xogħol, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1976/2006**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 166/07)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XE 17/07 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | Toutes les régions de France métropolitaine et les départements d'outre-mer |
| Titlu ta' l-iskema ta' l-għajnuna | Aide au recrutement de cadre |
| Bażi legali | Règlement d'exemption (CE) n° 2204/2002 prolongé par le règlement (CE) n° 1976/2006<br>Pour les collectivités territoriales: articles L. 1511-2 et L. 1511-3 du Code général des collectivités territoriales (CGCT) — Pour l'État, articles L. 2251-1, L. 3231-1, L. 4211-1 du CGCT. |
| L-Estimi | Baġit annwali: 13 miljun EUR; Baġit globali: — |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(5) 5 u 6 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.5.2007 |
| Tul ta' l-iskema | 30.6.2008 |
| L-objettiv ta' l-għajnuna | Art. 4: Ħolqien ta' xogħol; Art. 5 Reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati u b'diżabilità; Art. 6: Impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità: |
| Is-Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha tal-Komunità ([1]) eliġibbli għal għajnuna għall-impjieg |
| L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Soit le Ministère de l'industrie/DGE, soit les collectivités territoriales, chacun en ce qui le concerne.<br>Pour le Ministère de l'industrie/DGE:<br>12, rue Villiot<br>F-75572 Paris Cedex 12 |

([1]) Bl-eċċezzjoni tas-settur tal-bini tal-vapuri u setturi oħrajn suġġetti għal regoli speċjali f'regolamenti u direttivi li jirregolaw l-għajnuna statali fi ħdan is-settur.

# INFORMAZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI

(Traduzzjoni)

**Ittra mid-dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti dwar SWIFT/programm għat-traċċar tal-finanzjament tat-terroriżmu**

(2007/C 166/08)

28 ta' Ġunju 2007

Is-Sur Peer Steinbrück
Ministru Federali tal-Finanzi
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Is-Sur Franco Frattini
Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea

Għażiż Ministru Steinbrück u Viċi-President Frattini:

Id-Dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti huwa kuntent li qed jgħaddi lill-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea sett ta' rappreżentazzjonijiet li jiddeskrivu l-kontrolli u s-salvagwardji li jirregolaw it-trattament, l-użu u d-disseminazzjoni ta' data taħt il-programm għat-("Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu" —"TFTP").

It-TFTP fih strati multipli u sovra-imposti ta' kontrolli governattivi u indipendenti biex ikun żgurat li d-data, li hija limitata fin-natura, tintuża strettament għal skopijiet ta' kontra t-terroriżmu, li d-data tinżamm biss kemm meħtieġ għall-finijiet kontra t-terroriżmu u li d-data kollha tinżamm f'ambjent sigur u tkun trattata b'mod xieraq.

Bħala sinjal ta' l-impenn u s-sħubija tagħna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu globali u l-finanzjament tiegħu, inkludejna fir-rappreżentazzjonijiet dispożizzjoni għall-kondiviżjoni ta' aktar informazzjoni dwar t-TFTP ma' Ewropew eminenti li għandu jinħatar f'konsultazzjoni mad-Dipartiment tat-Teżor. Il-kompitu ta' din il-persuna ser ikun li tikkonferma li l-programm huwa implimentat b'mod konsistenti mar-rappreżentazzjonijiet għall-iskop li tkun verifikata l-protezzjoni ta' data personali li toriġina mill-UE. Ser jinqablu aktar dettalji prattiċi għat-twettiq ta' dawn ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza.

Id-Dipartiment tat-Teżor ser jipprova jippubblika dawn ir-rappreżentazzjonijiet fir-reġistru federal amerikan ("Reġistru Federali ta' l-Istati Uniti") u jagħti l-kunsens għall-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dejjem tiegħek,

Stuart A. LEVEY

(Traduzzjoni)

# Proċessar ta' Data Personali li toriġina mill-UE min-naħa tad-Dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti għal finijiet Kontra t-Terroriżmu — "SWIFT"

(2007/C 166/09)

## Programm ta' Rintraċċar tal-Finanzi tat-Terroristi — Rappreżentazzjonijiet tad-Dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti

Dawn ir-rappreżentazzjonijiet jiddeskrivu l-Programm ta' Rintraċċar tal-Finanzi tat-Terroristi tad-"Dipartiment tat-Teżor" ta' l-Istati Uniti (TFTP) u, b'mod partikolari, il-kontrolli u s-salvagwardji rigorużi li jirregolaw l-immaniġġar, l-użu, u d-disseminazzjoni ta' data li tasal mingħand is-SWIFT taħt l-obbligu ta' ċitazzjoni amministrattiva. Dawn il-kontrolli u salvagwardji japplikaw għall-persuni kollha li għandhom aċċess għad-data tas-SWIFT, dment li ma jiġix ikkonstatat mod ieħor f'eżempji speċifiċi bħal dawk li jiddeskrivu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni indikattiva miġjuba mid-data tas-SWIFT ma' gvernijiet barranin.

It-TFTP huwa msejjes fuq il-liġi, b'għanijiet magħżulin bir-reqqa, b'saħħtu u ta' suċċess, u marbut b'salvagwardji ta' privatezza. Huwa jirrappreżenta eżattament dak li ċ-ċittadini jistennew u jittamaw li l-gvernijiet qed jagħmlu biex jipproteġuhom minn theddid terroristiku.

## Il-Programm ta' Rintraċċar tal-Finanzi tat-Terroristi tad-Dipartiment tat-Teżor

Ftit wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001, bħala parti minn sforz biex jiġu impjegati l-mezzi kollha disponibbli biex jiġu rrintraċċati t-terroristi u n-netwerks tagħhom, id-Dipartiment tat-Teżor beda t-TFTP. Taħt it-TFTP, id-Dipartiment tat-Teżor ħareġ ċitazzjonijiet amministrattivi għad-data relatata mat-terroristi liċ-ċentru operattiv tas-Soċjetà Dinjija għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja fl-Istati Uniti (SWIFT), kooperattiva bbażata l-Belġju li topera sistema dinjija ta' messaġġi użata biex tiġi trasemssa informazzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji. Iċ-ċitazzjonijiet jirrikjedu li s-SWIFT tagħti lid-Dipartiment tat-Teżor ċerti rekords ta' tranżazzjonijiet finanzjarji — miżmuma miċ-ċentru operattiv tas-SWIFT fl-Istati Uniti waqt il-ħidma ta' kuljum tiegħu — biex jintużaw esklussivament għal finijiet kontra t-terroriżmu kif speċifikat fit-taqsimiet li ġejjin.

## Prinċipji Fundamentali għat-TFTP

Sa mill-bidu tiegħu, it-TFTP ġie mfassal u implimentat biex jissodisfa l-ħtiġiet applikabbli ta' l-Istati Uniti, biex jikkontribwixxi b'mod li jagħmel sens fil-ġlieda kontra t-terroriżmu dinji, u biex jirrispetta u jipproteġi s-sensitività kummerċjali potenzjali ta' u l-interessi ta' privatezza fid-data tas-SWIFT miżmuma fl-Istati Uniti. It-TFTP iqis is-sensitività kummerċjali potenzjali u l-interessi individwali tal-privatezza fl-informazzjoni li jkopri, u s-salvagwardji ddettaljati f'dawn ir-rappreżentazzzjonijiet japplikaw irrispettivament miċ-ċittadinanza jew mill-post ta' residenza ta' l-individwi involuti. Il-programm fih saffi multipli, sovrapposti ta' kontrolli governattivi u indipendenti biex jiżgura li d-data, li fin-natura tagħha hija limitata, isir tiftix fiha biss għal finijiet ta' kontra t-terroriżmu u li d-data kollha tinżamm f'ambjent sikur u tiġi mmaniġġjata b'mod xieraq.

L-azzjonijiet kollha mid-Dipartiment tat-Teżor biex jikseb informazzjoni speċifika miċ-ċentru operattiv tas-SWIFT fl-Istati Uniti u biex juża dik l-informazzjoni esklussivament għall-investigazzjoni, l-individwazzjoni, il-prevenzjoni, u/jew il-prosekuzzjoni tat-terroriżmu jew il-finanzjament tiegħu jew investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' segwitu relatati huma skond il-liġi ta' l-Istati Uniti. Barra minn hekk, id-data mgħoddija mis-SWIFT ma titfittixx biex tinġabar evidenza jew biex tiġi individwata attività li mhix relatata mat-terroriżmu jew il-finanzjament tiegħu, anki jekk tali attività fiha nnifisha tista' tmur kontra l-liġi. Id-Dipartiment tat-Teżor ma jwettaqx tiftix fuq data tas-SWIFT, u lanqas ma tista' tintuża l-informazzjoni, f'rabta ma' investigazzjonijiet ġenerali ta' evażjoni tat-taxxa, money laundering, spjunaġġ ekonomiku, traffikar tan-narkotiċi jew attività kriminali oħra, dment li f'xi mument partikolari din l-attività ma kenitx marbuta mat-terroriżmu u l-finanzjament tiegħu.

Id-data li tasal mingħand is-SWIFT taħt l-obbligu ta' ċitazzjonijiet jikkonsistu f'kopji ta' messaġġi kompluti ta' transazzjonijiet finanzjarji, jiġifieri, kopji elettroniċi ta' rekords tan-negozju miżmumin fiċ-ċentru operattiv tas-SWIFT fl-Istati Uniti waqt il-ħidma ta' kuljum. Għalkemm din id-data tista' tgħaddi minn xi proċessar fis-sens tal-kapaċità ferm ristretta kontra t-terroriżmu ta' tfittxija u teħid tad-data deskritt hawnhekk, ma hemm l-ebda tibdil, manipolazzjoni, żjieda jew tħassir ta' data f'messaġġi ta' tranżazzjonijiet individwali fid-database li jista' jitfittex.

It-TFTP ta prova li huwa għodda investigattiva b'saħħitha li ta kontribut sinifikanti fil-protezzjoni taċ-ċittadini ta' l-Istati Uniti u persuni oħrajn madwar id-dinja u fis-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali ta' l-Amerika u ta' pajjiżi oħrajn. Il-programm kien strumentali fl-identifikazzjoni u l-qbid ta' terroristi u min jiffinanzjahom, u ġġenera diversi ħjiel li ngħataw lil esperti għal kontra t-terroriżmu fl-intelligence u fl-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi madwar id-dinja.

## Tħassib fl-Unjoni Ewropea

Wara l-iżvelar tat-TFTP mill-medja pubblika f'Ġunju 2006, kien hemm tħassib fl-UE dwar il-programm TFTP u, partikolarment, dwar il-possibbiltà li d-Dipartiment tat-Teżor jista' jkollu aċċess għal data personali li tkun fit-tranżazzjonijiet finanzjarji pproċessati mis-SWIFT relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli. B'mod partikolari tqajmu kwistjonijiet dwar il-konsistenza tat-TFTP ma' l-obbligi skond id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data), kif ukoll il-liġijiet ta' l-Istati Membri li jimplimentaw dik id-Direttiva.

## In-Natura tad-Data tas-SWIFT

Ir-rekords ta' tranżazzjonijiet finanzjarji mogħtija mis-SWIFT taħt l-obbligu ta' ċitazzjoni jistgħu jinkludu informazzjoni ta' identifikazzjoni dwar l-oriġinatur u/jew ir-riċevitur tat-tranżazzjoni, inkluż l-isem, in-numru tal-kont, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali, u data oħra personali. Huwa verament rari li r-rekords finanzjarji tas-SWIFT ikunu jinkludu data "sensittiva" kif imsemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE (jiġifieri, data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija trade-unjonistika, u data dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' l-individwu).

## Priniċipji Internazzjonali għall-Finanzjament kontra t-Terroriżmu

Id-data tas-SWIFT użata fit-TFTP hija estremament prezzjuża fil-ġlieda kontra t-terroriżmu globali u l-finanzjament tiegħu, u fit-twettiq tar-responsabbiltà tal-gvern li jiddefendi l-pubbliku u jissalvagwarda s-sigurtà nazzjonali u li jindividwa, jipprevjeni, jinvestiga u jipproċedi kontra r-reati terroristiċi.

Il-komunità internazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali jagħrfu li l-flus huwa d-demm li jgħajjex lit-terroriżmu. Dan huwa rifless fil-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1999 għat-Trażżin tal-Finanzjament tat-Terroriżmu u għadd ta' riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-prevenzjoni u t-trażżin tal-finanzjament ta' atti terroristiċi, partikolarment ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1373. Fl-Istati Uniti, id-Dipartiment tat-Teżor u l-Kungress stabbilixxew l-Uffiċċju tat-Terroriżmu u l-Intelligence Finanzjarja fl-2004 biex jgħaqqad il-funzjonijiet ta' l-infurzar u ta' intelligence tad-Dipartiment bl-għan doppju li tiġi salvagwardata s-sistema finanzjarja kontra l-użu illeċitu u jiġġieled, fost l-oħrajn, it-theddid terroristiku u theddid ieħor għas-sigurtà nazzjonali. Id-diversi komponenti ta' l-uffiċċju jiġbru u janalizzaw informazzjoni mill-komunitajiet ta' l-infurzar tal-liġi, l-intelligence u finanzjarji dwar kif it-terroristi (u kriminali oħrajn) jiggwadanjaw, iċaqalqu u jaħżnu l-flus. Dawn l-attivitajiet jippermettu lill-uffiċċju jiffriża l-assi tat-terroristi, jiġġieled kontra t-terroriżmu b'mod ġenerali, u jiżviluppa u jippromwovi standards ta' finanzjament kontra t-terroriżmu fl-Istati Uniti u barra minnhom.

Dawn u inizjattivi oħrajn jirriflettu r-realtà ta' kuljum li t-terroristi jiddependu fuq fluss regolari ta' flus biex iħallsu operattivi, jirranġaw għall-vjaġġi, iħarrġu membri ġodda, jiffalsifikaw dokumenti, iħallsu rikatti, jiksbu armi, u jwettqu attakki. Sabiex jibagħtu l-flus permezz tas-sistema bankarja, huma spiss jipprovdu informazzjoni li tagħti t-tip ta' ħjiel konkreti li jistgħu imexxu 'l quddiem investigazzjoni dwar terroriżmu. Huwa għalhekk li l-uffiċjali għal kontra t-terroriżmu jivvalorizzaw ħafna l-intelligence finanzjarja, inkluża dik li ġejja minn programmi bħat-TFTP, li ta prova li huwa ta' valur inestimabbli fil-ġlieda globali kontra t-terroriżmu.

Huwa għalhekk li l-industrija finanzjarja hjia soġġetta għal żamma estensiva ta' rekords u ħtiġiet ta' rapporti li huma maħsuba li jappoġġaw l-isforzi governattivi kontra t-terroriżmu. Pajjiżi madwar id-dinja qed jitolbu dan bil-liġi, b'konsistenza mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja. Per eżempju, fl-Istati Uniti, l-awtorità statutorja ewlenija hija l-Att dwar is-Segretezza Bankarja. Fl-Ewropa, ġew implimentati dispożizzjonijiet simili fil-liġi nazzjonali b'konsistenza mat-Tielet Direttiva dwar il-Money Laundering u, aktar reċentement, ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi.

## Awtorità Ġuridika għall-Ksib u l-Użu tad-Data tas-SWIFT

Iċ-ċitazzjonijiet maħruġa lis-SWIFT huma bbażati fuq awtoritajiet statutorji li ilhom attwati u ordni Eżekuttiv relatat għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tiegħu. L-Att dwar is-Setgħat Ekonomiċi ta' Emerġenza Internazzjonali ta' l-1977 (IEEPA) jawtorizza lill-President ta' l-Istati Uniti, matul emerġenza nazzjonali dikjarata, biex jinvestiga t-trasferimanti bankarji u tranżazzjonijiet oħra fejn persuna barranija għandha xi interess. Bl-istess mod, l-Att ta' Parteċipazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1945 (UNPA) tawtorizza lill-President, fl-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, biex jinvestiga r-relazzjonijiet jew il-mezzi ta' komunikazzjoni ekonomiċi bejn kwalunkwe persuna barranija u l-Istati Uniti.

Fit-23 ta' Settembru 2001, il-President, parzjalment jiddependi mill-IEEPA u mill-UNPA u filwaqt li kkwota r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li kellhom fil-mira t-Taliban u l-Al Qaida, ħareġ l-Ordni Eżekuttiv 13224. F'dak l-Ordni, il-President iddikkjara emerġenza nazzjonali biex jittratta l-attakki terroristiċi ta' 9/11 u t-theddida li kienet għaddejja u immedjata ta' aktar attakki, u blokka l-proprjetà ta', u pprojbixxa t-tranżazzjonijiet ma', persuni li jikkommettu, jheddu li jikkommettu, jew jappoġġaw it-terroriżmu.

Għall-finijiet ta' l-Ordni Eżekuttiv 13224, it-tielet taqsima fiha d-definizzjoni li ġejja:

it-terminu "terroriżmu" jfisser attività li—

(i) tinvolvi att vjolenti jew att perikoluż għall-ħajja tal-bniedem, il-proprjetà jew l-infrastruttura; u

(ii) tidher li tkun maħsuba—

(A) biex tintimida jew iġġiegħel popolazzjoni ta' ċivili;

(B) biex tinfluwenza l-politika ta' gvern permezz ta' intimidazzjoni jew ġegħil; jew

(C) biex taffettwa l-imġieba ta' gvern permezz ta' qerda massiva, qtil, ħtif, jew qbid ta' ostaġġi.

Fit-taqsima 7 ta' l-Ordni, il-President awtorizza lis-Segretarju tad-Dipartiment tat-Teżor biex juża l-poteri kollha mogħtija lill-President mill-IEEPA u l-UNPA skond il-ħtieġa biex iwettaq il-finijiet ta' l-Ordni. Huwa awtorizza wkoll lis-Segretarju tat-Teżor biex jiddelega mill-ġdid kwalunkwe waħda minn dawn il-funzjonijiet lil uffiċjali u aġenziji oħrajn tal-Gvern ta' l-Istati Uniti, u ta' istruzzjonijiet lill-aġenziji kollha tal-Gvern ta' l-Istati Uniti biex jieħdu il-miżuri kollha xierqa fl-awtorità tagħhom biex iwettqu d-dispożizzjonijiet ta' l-Ordni. L-IEEPA u l-Ordni, kif implimentati permezz tar-Regolamenti dwar Sanzjonijiet għat-Terroriżmu Globali, jawtorizza lid-Direttur ta' l-Uffiċċju ta' Kontroll ta' l-Assi Barranin tad-Dipartiment tat-Teżor (OFAC) biex jirrikjedi mingħand kwalunkwe persuna biex tagħti data dwar tranżazzjonijiet finanzjarji jew data oħra f'rabta ma' investigazzjoni relatata ma' sanzjonijiet ekonomiċi. Dawn huma l-awtoritajiet ġuridiċi li taħthom l-OFAC joħroġ ċitazzjonijiet lis-SWIFT għad-data finanzjarja li hija relatata ma' investigazzjonijiet tat-terroriżmu.

## Kontroll ta' l-Aċċess u Sigurtà tas-Sistema tal-Kompjuter

Id-data miksuba mis-SWIFT, b'konsistenza mal-proċeduri tal-Gvern ta' l-Istati Uniti għall-immaniġġar ta' l-informazzjoni relatata ma' l-investigazzjoni ta' terroriżmu u l-finanzjament tiegħu b'mod ġenerali, hija soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi stretti biex jipproteġu l-informazzjoni kontra l-qerda, it-telfien, it-tibdil jew l-aċċess aċċidentali jew kontra l-liġi. Il-miżuri ta' sigurtà kollha li ġejjin huma soġġetti għal verifika indipendenti.

Id-data tas-SWIFT hija miżmuma f'ambjent fiżiku sikur, maħżuna separatament minn kull data oħra, u s-sistemi tal-kompjuter għandhom livelli għoljin ta' kontroll ta' l-intrużjoni u protezzjonijiet oħrajn biex jillimitaw l-aċċess għad-data biss kif deskritt hawnhekk. Ma jsirux kopji tad-data tas-SWIFT, ħlief għal finijiet ta' back-up għal irkupru f'każ ta' diżastru. L-aċċess għad-data u għat-tagħmir tal-kompjuter huwa limitat għal persuni bl-awtorizzazzjoni xierqa tas-sigurtà. Anki fost dawn il-persuni, l-aċċess għad-data tas-SWIFT hija biss read-only u hija limitata permezz tat-TFTP għal ħtieġa stretta ta' informazzjoni għal analisti apposta għall-investigazzjoni ta' terroriżmu u għal persuni involuti fl-appoġġ tekniku, il-ġestjoni u s-superviżjoni tat-TFTP.

**Estrazzjoni u Użu Limitati għall-Investigazzjoni ta' Terroriżmu**

It-TFTP ma jinvolvix estrazzjoni ta' data jew xi tip ieħor ta' teħid ta' profil algoritmiku jew awtomatizzat jew filtraġġ tal-kompjuter. Inbnew saffi multipli ta' kontrolli stretti fit-TFTP biex jillimitaw l-informazzjoni miġbura, biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi estratta u użata biss għal finijiet kontra t-terroriżmu, u biex ikunu protetti l-interessi ta' individwi li m'għandhomx x'jaqsmu mat-terroriżmu jew il-finanzjament tiegħu. Dawn is-salvagwardji sovrapposti l-ħin kollu jnaqqsu u jillimitaw b'mod sinifikanti l-aċċess għal u l-użu tad-data finanzjarja mmaniġġata mis-SWIFT fl-operazzjonijiet tagħha ta' kuljum.

F'każ limitu, iċ-ċitazzjonijiet li ngħataw lis-SWIFT huma mfassla b'attenzjoni u stretti biex jillimitaw l-ammont ta' data mogħtija lid-Dipartiment tat-Teżor. Is-SWIFT hija mitluba tagħti biss id-data li d-Dipartiment tat-Teżor jemmen li hija meħtieġa fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, abbażi ta' analiżijiet passati b'fokus fuq it-tip tal-messaġġ u l-ġeografija, kif ukoll theddid u vulnerabbiltajiet perċepiti. Barra minn hekk, it-tiftix huwa mfassal strett biex jimminimizza l-estrazzjoni tal-messaġġi li mhumiex rilevanti għal investigazzjoni ta' terroriżmu. Id-data mogħtija mis-SWIFT tiġi mfittxija biex tiġi estratta biss l-informazzjoni li hija relatata ma' investigazzjoni ta' terroriżmu identifikata u pre-eżistenti. Dan ifisser li kull tiftixa li ssir għandha tkun tirreferi speċifikament u tirreġistra evidenza dokumentata li ssostni t-twemmin li l-mira għandha x'taqsam mat-terroriżmu u l-finanzjament tagħha. Kull waħda mit-tiftixiet tad-data tas-SWIFT skond it-TFTP tiġi wkoll irreġistrata kontemporanjament, inkluża din ir-rabta fl-affermattiv mat-terroriżmu meħtieġa biex tinbeda t-tiftixa.

Bħala riżultat tas-salvagwardji preċedenti, kienu biss frazzjoni żgħira (jiġifieri, sostanzjalment inqas minn wieħed fil-mija) tas-subset tal-messaġġi tas-SWIFT mogħtija lid-Dipartiment tat-Teżor li effettivament kien hemm aċċess għalihom, u biss minħabba li dawk il-messaġġi kienu telgħu direttament waqt tiftixa mmirata marbuta mat-terroriżmu.

**Superviżjoni Indipendenti**

Barra mill-eżerċizzju li jkun għaddej tal-kontrolli tad-Dipartiment tat-Teżor deskritti hawnhekk, it-TFTP jinkludi saffi multipli komplimentari ta' superviżjoni indipendenti: mir-rappreżentanti tas-SWIFT stess, ditta ta' verifika indipendenti, u awtoritajiet indipendenti oħra tal-gvern ta' l-Istati Uniti, inkluż il-Kungress ta' l-Istati Uniti.

Is-SWIFT u awdituri minn barra li hija żammet jeżerċitaw is-superviżjoni indipendenti tagħhom tat-TFTP b'diversi modi reċiprokament komplimentari. L-ewwel, xi rappreżentanti tas-SWIFT ingħataw awtorizzazzjoni xierqa biex ikollhom aċċess 24 siegħa kull jum għat-tagħmir u d-data u l-possibbiltà li jimmonitoraw, dak il-ħin stess jew b'mod retrospettiv, l-użu tad-data biex jiżguraw li din ikun hemm aċċess għaliha biss għal finijiet kontra t-terroriżmu. Barra minn hekk, dawn ir-rappreżentanti tas-SWIFT jistgħu jwaqqfu kwalunkwe tiftixa speċifika immedjatament, u jistgħu ukoll jitfu s-sistema kollha kemm hi, jekk ikollhom xi tħassib.

Fir-rigward ta' l-awdituri minn barra, indipendenti, il-manutenzjoni, l-aċċess għal u l-użu tad-data tas-SWIFT huma soġġetti għal verifika kontinwa u perjodika skond protokolli ddelineati b'attenzjoni li huma konsistenti ma' standards ta' awditjar internazzjonali. Dawn il-verifiki ikopru s-salvagwardji tal-kontroll ta' aċċess u s-sigurtà tas-sistema tal-kompjuter, kif ukoll il-limitazzjoni ta' użu tad-data għall-investigazzjoni ta' terroriżmu, kif deskritt hawn fuq. L-awdituri indipendenti jirrappurtaw il-konklużjonijiet tagħhom lill-kumitat ta' verifika u finanzi tal-Bord tad-Diretturi tas-SWIFT.

Barra minn hekk, b'konsistenza mal-liġi ta' l-Istati Uniti, diversi kumitati tal-kungress ġew ripetutament infurmati dwar it-TFTP u l-operat tiegħu, u qed jibqgħu ikunu infurmati fuq bażi regolari. It-TFTP kien ukoll is-suġġett ta' seduti tal-kungress.

Fl-aħħar, il-Bord ta' Superviżjoni tal-Privatezza u l-Libertajiet Ċivili, li ġie stabbilit skond l-Att dwar ir-Riforma ta' l-Intelligence u l-Prevenzjoni tat-Terroriżmu ta' l-2004, jeżerċita superviżjoni tat-TFTP. Il-missjoni tal-Bord hija li jiżgura li t-tħassib fir-rigward tal-privatezza u l-libertajiet ċivili jitqies b'mod xieraq fl-implimentazzjoni tal-liġijiet, regolamenti, u linji politiċi eżekuttivi sussidjarji kollha ta' l-Istati Uniti relatati ma' l-isforzi biex jipproteġu lill-Istati Uniti kontra t-terroriżmu. Il-Bord huwa wkoll responsabbli mir-reviżjoni tal-prattiki ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni tad-dipartimenti u l-aġenziji sussidjarji eżekuttivi biex jiddetermina jekk humiex qed jiġu segwiti l-linji gwida mfassla biex jipproteġu b'mod adegwat il-privatezza u l-libertajiet ċivili.

Kif deskritt hawn taħt, din is-superviżjoni estensiva u indipendenti taħdem flimkien ma' kontolli ta' disseminazzjoni restrittiva li joperaw biex ikomplu jnaqqsu l-aċċess għall-informazzjoni li tkun ġejja mir-rekords finanzjarji tas-SWIFT u biex jipproteġu aktar l-interessi tal-privatezza.

## Disseminazzjoni u Kondiviżjoni ta' l-Informazzjoni

Il-Komunità internazzjonali għarfet l-importanza kritika tal-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni dwar it-terroriżmu. Per eżempju, il-UNSCR 1373 tappella lill-Istati kollha biex isibu modi sabiex jintensifikaw u jaċċeleraw l-iskambju ta' informazzjoni operattiva tat-terroriżmu u biex jiskambjaw l-informazzjoni sabiex jipprevjenu t-twettiq ta' atti terroristiċi. Bl-istess mod, it-taqsima 6 ta' l-Ordni Eżekuttiv 13224 jirrikjedi lis-Segretarju tat-Teżor (u uffiċjali oħrajn) biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa sabiex jikkooperaw u jikkordinaw ma' pajjiżi oħrajn biex jintlaħqu l-objettivi ta' l-Ordni, inkluż il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' terroriżmu, billi jiċħdu l-finanzjament u s-servizzi finanzjarji lit-terroristi, u jikkondividu l-intelligence dwar attivitajiet ta' finanzjament b'appoġġ għat-terroriżmu. Huwa fuq dan l-isfond li l-informazzjoni miġjuba mid-data tas-SWIFT tiġi kondiviża b'mod xieraq ma' msieħba domestiċi u internazzjonali. Kif huwa minnu bl-aspetti l-oħra kollha tat-TFTP, din il-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni hija skond il-liġi ta' l-Istati Uniti u soġġetta għal serje ta' salvagwardji mfassla biex jipproteġu d-data tas-SWIFT u l-interessi tal-privatezza tal-persuni li tista' tappartjeni lilhom.

L-analisti ta' kontra t-terroriżmu li jwettqu tiftix għat-TFTP jivverifikaw ir-rilevanza ta' kwalunkwe informazzjoni li tirriżulta b'risposta għal tiftixa qabel ma dik l-informazzjoni titħejja għad-disseminazzjoni permezz ta' kanali sikuri. Id-Dipartiment tat-Teżor ukoll jeżerċita kontroll fuq l-oriġinatur dwar kwalunkwe disseminazzjoni sussegwenti ta' l-informazzjoni, u dan ifisser li ebda riċevitur ma jitħalla jkompli jxerred l-informazzjoni mingħajr l-approvazzjoni espressa minn qabel mid-Dipartiment tat-Teżor. F'dak ir-rigward, kif jiġri bi kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat tad-data tas-SWIFT, kwalunkwe żvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni li ġejja mit-TFTP jista' jirriżulta f'azzjoni dixxiplinarja stretta jew fl-impożizzjoni ta' pieni ċivili jew kriminali.

L-informazzjoni miġjuba mid-data tas-SWIFT hija kondiviża taħt kontrolli stretti ma' aġenziji oħrajn ta' l-Istati Uniti fl-intelligence u fil-komunitajiet ta' l-infurzar tal-liġi biex tintuża esklussivament għall-fini ta' l-investigazzjoni, l-individwazzjoni, il-prevenzjoni, u/jew il-prosekuzzjoni tat-terroriżmu jew il-finanzjament tiegħu jew investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet relatati ta' segwitu. Din il-kondiviżjoni hija awtorizzata mill-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, l-Att dwar ir-Riforma ta' l-Intelligence u l-Prevenzjoni tat-Terroriżmu ta' l-2004, u numru ta' Memoranda ta' Fehim u Ordnijiet eżekuttivi relatati. L-aġenziji destinatarji għandhom l-istess obbligi skond il-liġi ta' l-Istati Uniti bħad-Dipartiment tat-Teżor biex jipproteġu l-informazzjoni miġjuba mit-TFTP. Huwa importanti li jiġi nnutat illi l-informazzjoni miġjuba mit-TFTP hija kondiviża ma' aġenziji oħrajn ta' l-Istati Uniti għal finijiet indikattivi biss, bl-użu tagħha limitat bħala evidenza fl-affermattiv waqt proċedimenti legali. L-aġenziji destinatarji jużaw l-awtoritajiet jegali eżistenti tagħhom stess biex iwettqu l-investigazzjonijiet tagħhom, inkluż biex jiksbu dokumentazzjoni minn sorsi oħra li aktar tard ikunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti legali.

Dawn l-aġenziji oħrajn tal-gvern ukoll jikkondividu informazzjoni indikattiva miġjuba mid-data tas-SWIFT mal-kontropartijiet tagħhom barranin għall-istess finijiet, b'kull każ jiġi approvat mid-Dipartiment tat-Teżor meta dan ikun iġġustifikat mis-sigurtà nazzjonali u minn interessi ta' infurzar tal-liġi. Ħafna mill-indikazzjonijiet miġjuba mit-TFTP ġew kondiviżi ma' awtoritajiet barranin, bħala materja ġenerali mingħajr l-iżvelar tat-TFTP bħala s-sors.

Fir-rigward tad-disseminazzjoni pubblika tad-data tas-SWIFT, id-Dipartiment tat-Teżor jittratta d-data bħala informazzjoni klassifikata, sensittiva fl-infurzar tal-liġi u kunfidenzjali fin-negozju. Għaldaqstant, id-Dipartiment tat-Teżor ma jridx u ma jagħmilx din id-data disponibbli pubblikament sakemm ma jkunx mitlub jagħmel dan mil-liġi. F'dak ir-rigward, id-Dipartiment tat-Teżor jieħu l-pożizzjoni f'rabta ma' kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju li jkun ġej minn talba ta' l-Att għal-Libertà ta' Informazzjoni (FOIA) minn partijiet terzi għat-TFTP, li skond il-FOIA dawn ir-rekords huma eżenti mill-iżvelar.

**Rimedju**

In-natura limitata tad-data f'messaġġ individwali ta' tranżazzjoni tas-SWIFT, il-mod ristrett li bih jista' jkun hemm aċċess għal ċerta data tas-SWIFT permezz tat-TFTP bħala parti minn investigazzjoni pre-eżistenti ta' terroriżmu, u l-limitazzjonijiet għad-disseminazzjoni bħala informazzjoni indikattiva inaqqsu b'mod sinifikanti il-pertinenza ta' mekkaniżmu ta' rimedju bħala parti mit-TFTP innifsu. Minkejja dan, skond il-liġi ta' l-Istati Uniti hemm disponibbli rimedju xieraq għall-possibbiltà ta' użu żbaljat mill-awtoritajiet governattivi.

Fir-rigward ta' interess li ġej minn persuna fiżika speċifika dwar l-użu tad-data u l-kapaċità li jintalab rimedju għal użu żbaljat possibbli, trid issir distinzjoni bejn data li tista' titfittex mogħtija mis-SWIFT u messaġġi estratti bħala parti minn investigazzjoni mmirata ta' terroriżmu li jistgħu iservu bħala l-bażi għal deċiżjoni amministrattiva jew għal azzjoni governattiva oħra. Id-data li tasal mis-SWIFT taħt l-obbligu ta' ċitazzjonijiet ta' l-OFAC jikkonsistu minn kopji ta' messaġġi ta' tranżazzjonijiet finanjarji lesti, jiġifieri, kopji elettroniċi ta' rekords ta' negozju miżmuma mil-faċilità s-SWIFT fl-Istati Unitifil-ħidma tagħha ta' kuljum. Għalkemm din id-data tista' tgħaddi minn xi proċessar fis-sens tal-kapaċità ristretta ferm ta' tiftix-teħid għal kontra t-terroriżmu, ma hemmx tibdil, manipolazzjoni, żiediet jew tħassir tad-data f'messaġġi ta' tranżazzjonijiet individwali fid-databes li jista' jitfittex.

Barra minn hekk, huwa għal darba oħra importanti li jiġi enfasizzat li l-maġġoranza l-kbira tal-messaġġi ta' tranżazzjonijiet mis-SWIFT qatt mhu ser jiġu kkonsultati viżwalment lanqas mill-analisti ta' kontra t-terroriżmu, u għalhekk ma humiex magħrufin. Għaldaqstant, it-tweġiba għal inkjesta dwar privatezza minn persuna fiżika dwar jekk l-informazzjoni dwar dak l-individwu hix inkluża fid-database tkun teħtieġ, kważi filkażijiet kollha, l-aċċess għal data li kieku qatt ma kien ser ikun hemm aċċess għaliha fl-operat normali tat-TFTP. Tali aċees ikun inkonsistenti mal-ħtiġiet tat-TFTP li kull tiftixa irid ikollha rabta pre-eżistenti mat-terroriżmu. Fl-aħħar nett, billi m'hemmx tibdil, manipolazzjoni, tħassir jew żidiet tad-data fid-database li jista' jitfittex, ma hemm l-ebda bażi li tiġi "rettifikata" xi informazzjoni. Barra minn hekk, dan iservi biex jinbidlu r-rekords tan-negozju lesti mfittxija miċ-ċitazzjoni ta' l-OFAC.

Aktar ipproċessar tad-data f'messaġġ ta' tranżazzjoni individwali iseħħ biss fir-rigward tal- messaġġi ta' tranżazzjoni individwali, li huma relattivament ftit, li jitilgħu direttament waqt tiftixa mmirata marbuta mat-terroriżmu u jiġu estratti mid-database tat-tiftix.Ladarba tkun estratta u soġetta għall-kontrolli multipli li jillimitaw id-disseminazzjoni għal finijiet kontra t-terroriżmu, ir-rimedju għal użu allegatament żbaljat jista' jitfittex kif xieraq billi jiġu segwiti l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji fir-rigward ta' l-azzjoni tal-gvern fuq dik l-informazzjoni ddisseminata.

L-opportunità għal rimedju tista' tintwera kif ġej fir-rigward ta' azzjoni amministrattiva li tittieħed mill-OFAC biex tiġi blukkata proprjetà skond ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet għat-Terroriżmu Globali li jimplimentaw l-Ordni Eżekuttiv 13224. Persuna tista' tfittex rikonsiderazzjoni amministrattiva mill-OFAC dwar l-assenjazzjoni tiegħu jew tagħha bħala terrorista globali speċjalment indikat, fejn dik il-persuna tingħata l-opportunità turi li "ċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mill-assenjazzjoni m'għadhomx japplikaw" u li "tippreżenta argumenti jew evidenza li l-persuna temmen li tistabbilixxi teżisti bażi insuffiċjenti għall-assenjazzjoni." Terrorista globali speċjalment indikat jista' jfittex ukoll reviżjoni ġudizzjarja ta' deċiżjoni ta' aġenzija skond dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Att ta' Proċedura Amministrattiva. Dawn il-mogħdijiet amministrattivi u ġudizzjarji biex jinstab rimedju japplikaw għal kwalunkwe persuna li hija l-oġġett tad-deċiżjoni tal-gvern, hi x'inhi ċ-ċittadinanza.

**Perijodu taż-żamma**

Il-perijodu ta' żmien għaż-żamma ta' informazzjoni kontra t-terroriżmu (u kwalunkwe informazzjoni oħra) hija funzjoni ta' għadd ta' fatturi stabbiliti sew, inklużi l-ħtiġiet investigattivi, l-istatuti ta' limitazzjoni applikabbli, u limiti regolatorji għal pretensjonijiet u prosekuzzjoni. L-applikabbiltà u l-operat ta' dawn il-fatturi u oħrajn ivarjaw minn aġenzija għal aġenzija, jiddependi min-natura tad-dmirijiet u l-missjonijiet speċifiċi ta' l-aġenzija. Għaldaqstant, il-perijodi taż-żamma għal ċerti tipi ta' informazzjoni relatata mat-terroriżmu miġbura minn diversi aġenziji jiddependu min-natura ta' l-informazzjoni u l-investigazzjoni li magħhom hija relatata.

Fi ħdan il-Gvern ta' l-Istati Uniti, l-iskedi taż-żamma u tad-disponibbiltà għar-rekords ta' l-aġenziji huma approvati mill-Amministrazzjoni ta' l-Arkivji u r-Reġistru Nazzjonali (NARA) skond diversi statuti u regolamenti. Ir-rekords kollha li jitqiesu mhux ta' valur permanenti għandhom jiġu skedati li jinqerdu wara perijodu ta' żmien speċifikat abbażi ta' valuri amministrattivi, fiskali u legali spjegati. Fattuti meqjusin minn NARA fl-approvazzjoni tal-perijodi ta' żamma ta' rekords minn aġenziji jinkludu statuti ta' limitazzjoni applikabbli; limiti regolatorji għall-pretensjonijiet u l-prosekuzzjoni; il-potenzjal ta' frodi; riskji ta' litigazzjoni u drittijiet sostantivi; u statuti jew regolament li jagħtu jew jillimitaw dritt ġuridiku speċifiku.

Fir-rigward ta' perijodu ta' żmien għaż-żamma ta' informazzjoni relatata mat-TFTP, trid issir għal darba oħra distinzjoni bejn id-data ċitata mis-SWIFT u d-data estratta li jservu bħala l-bażi għal deċiżjoni amministrattiva jew azzjoni governattiva oħra.

Id-Dipartiment tat-Teżor ser jaħdem fuq bażi kontinwa u ta' l-anqas annwali biex jidentifika u jħassar id-data kollha mhux estratta li mhix meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' finijiet imsemmija f'dawn ir-Rappreżentazzjonijiet. Soġġetta għar-riżultati ta' l-analiżi bbażata fuq il-ħtieġa msemmija hawn fuq, id-data kollha mhux estratta li tasal għand id-Dipartiment tat-Teżor nmis-SWIFT wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-Rappreżentazzjonijiet ser titħassar mid-Dipartiment tat-Teżor mhux aktar tard minn ħames snin wara li jaslu għand id-Dipartiment tat-Teżor. Soġġetta għar-riżultati ta' l-analiżi bbażata fuq il-ħtieġa msemmija hawn fuq, id-data l-oħta kollha mhux estratta ser titħassar mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-Rappreżentazzjonijiet.

Data estratta li titla' direttament waqt tiftixa mmirata marbuta mat-terroriżmu li kienet soġġetta għall-kontrolli multipli ta' disseminazzjoni deskritti hawn fuq għal finijiet kontra t-terroriżmu, għandha tkun soġġetta għall-perijodu ta' żamma applikabbli għall-awtorità governattiva partikolari fir-rigward tar-rekords investigattivi partikolari tagħha.

Per eżempju, data tas-SWIFT estratta permezz tat-TFTP tista' tintuża fl-investigazzjoni ta' individwu għal assenjazzjoni possibbli skond ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet għat-Terroriżmu Globali ta' l-OFAC. Skond l-iskeda taż-żamma ta' rekords ta' l-NARA approvata mill-OFAC, jekke tittieħed deċiżjoni amministrattiva finali biex individwu jiġi assenjat (liema deċiżjoni ssir pubblika), l-informazzjoni li fuqha tkun ittieħdet id-deċiżjoni tinżamm permanentement bħala rekord bil-miktub ta' l-evidenza b'appoġġ għall-azzjoni ta' l-aġenzija. Il-fajl bl-evidenza jinżamm għal reviżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji possibbli f'każ li assenjazzjoni tiġi kkontestata, u wkoll bħala appoġġ għal aktar investigazzjonijiet tat-terroriżmu. Alternattivament, jekk investigazzjoni tingħalaq mingħajr assenjazzjoni, il-fajls investigattivi huma soġġetti li jinqerdu fuq il-post qabel sena minn meta titlesta l-investigazzjoni.

Fl-aħħar nett, b'mod konsistenti mal-qafas ġuridiku ta' l-Istati Uniti deskritt hawn fuq, il-perijodu taż-żamma għall-informazzjoni indikattiva ġejja mit-TFTP li tkun ġiet disseminata hija rregolata mir-regolamenti u l-iskedi ta' l-aġenzija jew il-gvern destinatarju. Per eżempju, kwalunkwe informazzjoni miksuba li tintuża fi prosekuzzjoni ta' Dipartiment tal-Ġustizzja tkun soġġetta għall-perijodi ta' żamma applikabbli tad-Dipartiment tal-Ġustizzja.

**Kooperazzjoni Kontra t-Terroriżmu li Għaddejja**

It-TFTP kien ta' valur kbir fil-ġlieda globali kontra t-terroriżmu, inkluż fl-Ewropa. Il-Gvern ta' l-Istati Uniti ser ikompli jivvaluta bil-għaqal jekk kwalunkwe informazzjoni miġjuba permezz tat-TFTP tistax tikkontribwixxi għall-investigazzjoni, il-prevenzjoni, il-ġlieda kontra jew il-prosekuzzjoni tat-terroriżmu u tal-finanzjament tiegħu f'wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jew aktar u, fil-każijiet kollha xierqa, ser jagħmel l-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet ġusti bl-aktar mod malajr possibbli.

Bħala sinjal ta' l-impenn u s-sħubija tagħna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, persuna eminenti Ewropea ser tinħatar biex tikkonferma li l-programm huwa implimentat b'mod konsistenti ma' dawn ir-Rappreżentazzjonijiet għall-fini ta' verifika tal-protezzjoni ta' data personali li toriġina mill-UE. B'mod partikolari, il-persuna eminenti ser tivverifika li l-proċessi għat-tħassir ta' data mhux estratta ikun twettaq.

Il-persuna eminenti ser ikollha l-esperjenza u l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà xierqa, u ser tinħatar għal perijodu li jiġġedded ta' sentejn mill-Kummissjoni Ewropea b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tat-Teżor. Il-persuna eminenti ser taġixxi b'indipendenza sħiħa fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha. Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha il-Persuna eminenti m'għandhiex la tfittex u lanqas tieħu istruzzjonijiet mingħand ħadd. Il-persuna eminenti m'għanda twettaw l-ebda azzjoni li hija inkompatibbli mad-dmirijiet tiegħu jew tagħha skond din il-ħatra.

Il-persuna eminenti ser tirrapporta is-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu jew tagħha kull sena bil-miktub lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni min-naħa tagħha ser tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif opportun.

Id-Dipartiment tat-Teżor ser jagħti lill-persuna eminenti aċċess, informazzjoni u data meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha. Il-persuna eminenti ser taġixxi lhin kollu f'konformità mas-segretezza u l-konfidenzjalità meħtieġa imposti mil-liġi. Id-dettalji prattiċi ser ikunu maqbula mad-Dipartiment tat-Teżor.

Id-Dipartiment tat-Teżor ukoll ser jinforma lill-Unjoni Ewropea b'kull bidla materjali fis-salvagwardji mniżżlin f'dawn ir-rappreżentazzjonijiet u bi kwalunkwe leġislazzjoni li tgħaddi fl-Istati Uniti li materjalment taffettwa d-dikjarazzjonijiet magħmula fir-Rappreżentazzjonijiet.

Id-Dipartiment tat-Teżor ser jaħdem bla heda biex dawn ir-Rappreżentazzjonijiet jiġu ppubblikati fir-Reġistru Federali u jawtorizza l-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(Traduzzjoni)

**Tweġiba mill-Unjoni Ewropea lid-dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti — SWIFT/programm għat-traċċar tal- finanzjament tat-terroriżmu**

(2007/C 166/10)

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-irċevuta ta' l-ittra tiegħek tat-28 ta' Ġunju li fiha rappreżentazzjonijiet dwar l-ipproċessar u l-ħarsien ta' data personali ċitata minn SWIFT fl-Istati Uniti taħt il-"Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu".

Nilqgħu dawn ir-rappreżentazzjonijiet unilaterali u l-opportunità li d-Dipartiment tagħkom ta lill-Unjoni Ewropea li jkollha l-fehmiet u t-tħassib tagħha debitament riflessi fir-rappreżentazzjonijiet.

Ladarba Swift u l-istituzzjonijiet finanzjarji li jagħmlu użu tas-servizzi tiegħu jkunu temmew l-arranġamenti meħtieġa fir-rigward tal-liġi KE, b'mod partikolari permezz tal-provvediment ta' informazzjoni li data personali ser tkun trasferita għal finijiet kummerċjali lill-Istati Uniti u, fir-rigward ta' SWIFT, ir-rispett tal-prinċipji ta' "Port Sigur", soġġett għal aċċess legali mid-Dipartiment tat-Teżor ta' l-Istati Uniti, Swift u l-istituzzjonijiet finanzjarji msemmija ser ikunu konformi mar-responsabbiltajiet legali rispettivi taħt il-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data.

Ir-rappreżentazzjonijiet jipprovdu għal sorveljanza minn Ewropew eminenti li għandu jinħatar f'konsultazzjoni mad-Dipartiment tat-Teżor. Issa ser nibdew il-proċess ta' identifikazzjoni ta' kandidati xierqa sabiex din il-ħidma tista' tibda fl-ewwel semestru ta' l-2008. Il-Kummissjoni ser tagħmel kuntatt mal-persunal tagħkom biex jaqbel mad-dettalji prattiċi dwar din il-ħidma ta' sorveljanza.

Nirringrazzjakom għal- kooperazzjoni tagħkom f'din il-kwistjoni, li turi s-saħħa ta' l-impenn kondiviż għal libertajiet ċivili, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-funzjonament bla xkiel tas-sistema finanzjarja internazzjonali,

Dejjem tiegħek,

*Għall-Kummissjoni*
FRATTINI
(*Viċi-President*)

*Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*
PEER STEINBRÜCK
(*Ministru Federali tal-Finanzi*)

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża fl-okkażjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Presidenza tiffirma l-abbozz ta' tweġiba għall-ittra tas-Segretarju Amerikan għat-Teżor rigward l-aċċess għad-data ta' SWIFT**

(2007/C 166/11)

Id-delegazzjoni Franċiża talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tkun inkluża fil-minuti tal-Kunsill fejn ser issir l-adozzjoni tal-punt-A msemmi hawn fuq u li tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (Serje-Ċ):

*"Franza taċċetta l-iffirmar mill-Presidenza tal-Kunsill ta' l-ittra msemmija fid-dokument 10741/07 JAI 319 ECOFIN 270 ADD 1 REV 1 RESTREINT UE jekk il-Kummissjoni u s-Servizz Legali tal-Kunsill jikkonfermaw (ara d-dokumenti msemmija DS 568/2/07 REV2 u 10908/07) li l-impenji ta' l-awtoritajiet Amerikani, l-adeżjoni ta' Swift ma' Safe Harbour u l-proċedura segwita mill-Kummissjoni u mill-Kunsill jirrispettaw id-dispożizzjonijiet Komunitarji fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Id-delegazzjoni Franċiża tissottolinja r-rwol li ser jaqa' fuq il-personalità distinta Ewropea għall-kontroll ta' l-implimentazzjoni ta' l-impenji Amerikani u tqis li l-COREPER għandu jinżamm infurmat mill-qrib dwar l-ikkompletar tajjeb ta' din il-missjoni."*

Għalhekk il-Kunsill hu mistieden jiddeċiedi li din id-dikjarazzjoni tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (Serje-Ċ), flimkien mat-testi msemmija fil-punt 3 tad-dokument 11039/07 JAI 341 ECOFIN 287.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.4751 — STM/Intel/JV)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 166/12)

1. Fl-10 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi ST Microelectronics ("STM", ITA-FRA) u Intel ("Intel", l-Istati Uniti) jakkwistaw, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' Newco (l-Olanda) permezz tax-xiri ta' ishma, f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi *joint venture*.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal STM: semikondutturi

— għal Intel: id-disinn, l-iżvilupp, il-manifattura u s-suq ta' mikroproċessuri, *chipsets*, u komponenti oħrajn tas-semikondutturi

— għal Newco: in-negozju tal-memorja *flash* (memorja mhux volatili)

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4751 — STM/Intel/JV, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussell.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.4822 — Advent/Takko)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 166/13)

1. Fit-13 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Advent International Corporation ("AIC" li ssir referenza għaliha bħala "Advent", l-Istati Uniti ta' l-Amerika) takkwista fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 (1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll sħiħ ta' l-impriża Takko Holding GmbH ("Takko", il-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Advent: investiment f'ekwità privata;

— għal Takko: distribuzzjoni u bejgħ ta' artikli tal-moda u aċċessorji relatati fil-qasam tal-prodotti bi prezzijiet irħas.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4822 — Advent/Takko, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussell.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.